MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2002

Talba Numru. 141/2002/1

**Carmel Micallef**

**Vs**

**Carmel Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltija (Lm1,300) danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh gewwa Burmarrad fit-22 ta' Awissu 2001 bejn il-vettura Mazda bin-numru TFB 980 u vettura Mitsubishi bin-numru GAO 323, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm mill-atti jirrizulta li huwa debitament notifikat, naqas milli jikkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ma deherx ghas-seduti.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu ta’ din il-kawza sehh gewwa Burmarrad fit-22 ta’ Awissu 2001.

2. L-attur kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Mazda bin-numru TFB 980, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq Mitsubishi bin-numru GAO 323.

3. Mill-provi rrizulta li dan huwa kaz ta’ *‘bumper to bumper’*:

(a) Kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut li baqghet diehla fuq il-parti ta’ wara tal-vettura misjuqa mill-attur.

(b) Il-konvenut ammetta r-responsabbilta ghall-incident tant li baghat cekk lill-attur fl-ammont ta’ tmien mitt lira Maltija (Lm800) [fol. 9], li ma ssarrafx meta gie pprezentat ghall-hlas.

4. M’hemmx dubju li l-provi jikkonfermaw il-htija tal-konvenut ghall-incident.

5. Il-quantum tad-danni reklamati mill-attur ma gewx kontestati u jirrizultaw ippruvati (ara stima mahruga minn Gasan Enterprises Ltd).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta’ Awissu 2001 gewwa Burmarrad.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf u wiehed u disghajn lira Maltija u erbgha u tletin centemzu (Lm1091.34) bhala danni.

L-ispejjez kollha (inkluzi drittijiet professjonali) jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**